MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1463/1999/1

***Jamar Limited***
***Vs***
***Nicola Cutajar***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin [Lm2,500] bilanc minn somma rappresentanti din is-somma prezz ta' vettura tal-marka Isuzu Elf Truck Tipper bin-numru ta' registrazzjoni BBH 837 lilu mibjugha u kkonsenjata; illi d-debitu huwa cert likwidu u dovut; illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti; illi l-konvenut m' ghandux eccezzjonijiet x' jaghti in kontro- trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jesiztu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167 – 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex: 1. Tiddeciedi

din il-kawza bid-dispensa tas-smsigh ai termini ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Ligijiet ta' Malta; u 2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, u hames mit lira maltin [Lm2,500]. Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: 1. Illi in linea preliminari huwa pacifiku illi s-somma ta' elfejn lira maltin [Lm2,000] huma dovuti lis-socjeta' attrici stante illi dana huwa l-vera bilanc li huwa dovut lis-socjeta' attrici fuq il-vettura BBH 837 u, infatt, il-konvenut stess, kien ghal diversi okkazzjonijiet, ghadda sabiex isir il-hlas tas-somma fuq indikata; 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma kif rikjesta ma hijex dovuta kollha sante illi teccedi s-somma miftehma bejn il-partijiet, billi s-somma originali kienet dovuta minghajr interessi – Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontra talba prezentata mill-konvenut rikonvenjonant li permezz taghha, wara li ppremetta: illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhhu mic-citazzjoni ppresentat kontra tieghu mill-attrici u debitament notifikata lilhu, sabiex jippresenta l-odjerna kontro-talba;

Illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici Vann Isuzu Truck BBH 837 fit-23 ta' Marzu 1998, u dana sabiex l-konvenut jkun jista juzah ghax-xoghol tieghu;

Illi, ai termini tal-ftehim, il-vann baqa' bil-licenzja kif ukoll l-'insurance' tal-vann BBH-837 f'isem Jason Mifsud, liema licenzja u insurance kellha tinqaleb f'isem il-konvenut ladarba jsir il-hlas kollu dovut kif miftiehem;

Illi, fl-ahhar ta' Frar 1999, kemm il-licenzja kif ukoll l-insurance ta' dana il-vann skadew b'mod illi mill-ahhar ta' Frar sad-data ta' llum il-konvenut ma kienx f'posizzjoni illi jaghmel uzu mill-vann illi huwa xtara stante illi ma kellhux il-licenzji u insurance mehtiega ghax-xoghol;

Illi il-konvenut, qabel ma skadiet il-licenzja u insurance, kien avvicina lis-socjeta attrici sabiex jhallasha l-bilanc ta' Lm 2,000 dovut skond il-ftehim, liema somma, izda, ma

gietx accettata mis-socjeta attrici, billi hija kienet qed tippretendi somma akbar;

Illi, bhala rizultat, il-konvenut, sofra danni bhala rizultat tal-agir tas-socjeta konvenuta, billi huwa kellu jinkorri spejjez zejda sabiex jirrimpjazza l-effetti tal-vann fuq ix-xoghol tieghu b'attrezzi ohra kif ukoll sofra danni bhala terl ta' xoghol ikkawzati min-nuqqas illi jkun jista jaghmel uzu mit-Truck necessarju ghax-xoghol tiehgu;

Tghid ghalhekk is-socjeta attrici, ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:
1. Tiddikjara illi, bhala rizultat tal-fatt li s-socjeta attrici naqqset milli ggedded il-licenzja u l-insurance tal-vann BBH-837, l-konvenut sofra danni kif fuq deskritt, u dan sad-data tas-sentenza;
2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenut u tordna lill-istess socjeta attrici sabiex thallas dik is-somma hekk likwidata minn dina l-Qorti.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata li biha eccepiet: illi t-talbiet rikonvenzjonali huma bla bazi guridikament stante li s-socjeta attrici ma kellha ebda obbligu li ggedded l-insurance u l-licenzja tal-vann mertu tal-kawza;

Illi in effetti skond il-ftehim, kif dikjarat mir-rikonvenjonant stess, is-socjeta attrici kiene biss obbligata li tersaq ghat-transfer relattiv fuq l-istess vann kif appena l-konvenut ikun hallas il-bilanc kollu fuq l-istess vann, haga li m'ghamilx.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ April 2000[1] li permezz taghha l-ammont pretiz gie ridott ghas-somma ta’ Lm500, stante pagament ta’ Lm2,000 fil-mori;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi pemezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ Marzu 1998 il-konvenut xtara minghand is-socjeta’ attrici karrozza Isuzu Elf Truck Tripper numru BBH 837 bil-prezz ta’ Lm5,5000, li elf lira minnu thallset mal-iffirmar tal-istess ftehim u l-bilanc ta’ Lm4,500 kellu jthallas permezz ta’ kambjali mhux aktar tard mit-23 ta’ Ottubru 1998.[2] Illi jidher li l-konvenut ma ottemperax ruhu mal-modalita’ tal-pagament. Sussegwentement bejn Ottubru u Novembru huwa hallas is-somma ulterjuri ta’ Lm1,000 u fi Frar tas-sena 1999 hallas ammont ulterjuri ta’ Lm1,500 – b’ hekk kien ghad fadal bilanc ta’ Lm2,000. Ir-rimaneti Lm500 mis-somma pretiza jirrapresentaw “spejjez”.[3]

Illi fil-frattemp, u precisament fl-20 ta’ Ottubru 1998, stante li jidher li l-konvenut kellu diffikultajiet mal-bank, il-partijiet ghamlu kuntratt iehor, fuq l-istess transazzjoni, izda dan kien simulat stante li ma jirriflettix dak li realment sehh bejn il-partijiet. Di fatti f’ dan il-kuntratt huma iddikjaraw falsament li l-prezz kien ta’ Lm7,000. Inoltre, kif sostna l-istess Jason Mifsud fix-xhieda tieghu dan il-kuntratt sar biex il-konvenut ikun jista’ jiehu self bankarju; u b’ dan it-tieni kuntratt ma riedtx li jithassar l-ewwel wiehed. Fi kliemu stess: “Ma hassartux [l-ewwel ftehim] ghax ma ridtx inhassru, ghax hu l-originali…..Jiena t-tieni wiehed ghamiltu biex [il-konvenut] jirranga l-posizzjoni tieghu”.[4]

---

[1] Fol.24
[2] Dok.NC1 fol-41
[3] Jason Mifsud – Dep.18.02.2003 Fol.67
[4] Ibid. Fol.70

Illi fil-mori tal-proceduri l-konvenut hallas is-somma ta' Lm2,000 in bazi ghall-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet, u konsegweentment it-talba attrici giet ridotta b' dan l-ammont, ghal Lm500

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok qed jigi osservet li mill-premess ghandu jirrizulta car li it-tieni ftheim ma jistax jifforma l-bazi sostenibbli l-azzjoni tas-socjeta' attrici, u l-kuntratt li stabilixxa r-rapport guridiku bejn il-partijiet u li jaghti lok ghad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet taghhom rigward il-kompravendita in kwistjoni huwa dak maghumul u redatt fit-23 ta' Marzu 1998.

Illi fit-tieni lok il-Qorti tosserva li t-talba attrici ghandu tkun bazata fuq il-kawzali kif indikata fl-att tac-citazzjoni, u limitata bit-termini tal-istess. Fil-kaz in disamina l-kawzali hija s-somma ta' Lm2,500 *"bilanc minn somma rapprezentanti din is-somma prezz ta' vettura"*[5] mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta. Mill-provi pero' irrizulta li l-bilanc dovut mill-prezz kien jammonta ghall-Lm2,000 biss, filwaqt li l-Lm500 l-ohra jirraprezentaw *"spejjez"*[6]. Ghaldaqstant, t-talba attrici in kwantu ghal din is-somma ta' Lm500 mhijex sostenibbli.

Illi fit-tielet lok, il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni tas-socejta' attrici li l-konvenut ma kienx hallas il-bilanc ta' Lm2,000 dovut minnu, mhux minhabba diffikulta' rigwardanti t-transfer tal-vettura izda stante l-inadempjenza fil-pagament tal-konvenut, hija aktar verosimili u qed taccettaha bhala veritiera, stante li tissodisfa l-grad tal-oneru tal-prova rikjest fil-kamp civili.

Illi fir-raba lok, il-Qorti tosserva li anke il-versjoni ta' Jason Mifsud li t-transfer tal-vettura ma sarx u l-licenzja ma gietx imgedda, stante li l-konvenut kien moruz fil-pagament, hija aktar verosimili mill-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut, u qed taccettaha bhala veritiera.

---

[5] Sottolinear mizjud

[6] Jason Mifsud - *supra*

Illi stabbilit is-suespost, jigi osservat li l-pretensjoni tal-konvenut ghal-hlas tad-danni sofferti minnu mhijex gustifikata: fl-ewwel lok, ghax ma tirrizulta ebda negligenza jew htija da parti tas-socjeta' attrici, li kien kagun ta' xi danni li allegatament sofra l-konvenut; u fit-tieni lok, l-konvenut ma gabx provi sodisfacenti dwar l-esistenza ta' dawn id-danni, u wisq anqas tal-entita' taghhom. Ghaldaqstant il-kontro talbiet tieghu huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-kawza odjerna kif ser jinghad:

Billi tichad l-ewwel talba attrici bl-ispejjez;

**B**illi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba in kwantu ghall-ammont ta' Lm2,000 stante pagament fil-mori u konsegwenzjali riduzzjoni; tichad it-tieni talba attrici ghar-rimanenti somma ta' Lm500. L-ispejjez ta' din it-talba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal kwint mis-socjeta' attrici [1/5] u r-rimaneni erba minn hames parti [4/5] mill-konvenut;

Billi, tichad it-talbiet tal-konvenut kontenuti fil-kontro talba, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------